MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 1072/1996/1

**Paolo Bonnici ghas-socjeta` Paolo Bonnici Ltd**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Dicembru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat minn din il-Qorti li jhallas lill-istess attur nomine s-somma ta' Lm480.79,6 (erba' mija u tmenin liri Maltin disa' u sebghin centezmi u sitt millezmi), imghaxijiet legali ta' 392 granet fuq l-ammont ta' Lm5596 mhallsa mis-

socjeta’ attrici fit-8 ta’Novembru 1990 bhala depositu ghal-levy in konnessjoni ma konsenja cikkulata importata f’Marzu fuq il-vapur PRATKA OLT, rifuzjoni li saret fl-14 ta’ Lulju, 1992.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Gunju, 1991, 17 ta’ Awissu 1993, u il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana (fol 2 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

Illi l-ammont mitlub fl-Avviz m’huwiex dovut stante li d-depozitu ta’ l-ammont ta’ hamest elef hames mija sitta u disghin Lira Maltin (Lm5596) li kien sar biex jaghmel tajjeb ghal xi levy li tista’ tirrizulta dovuta ma jikkostitwix pagament indebitu u, di piu, sar fl-interess tas-socjeta’ attrici sabiex il-merkanzija taghha tkun tista’ tigi zdoganata fil-pendenza tal-konsiderazzjonijiet dwar jekk il-merkanzija kienetx soggetta ghall-hlas ta’ levy jew le.

Tali depozitu maghmul volontarjament u fl-interess tad-depozitant jimplika rinunzja ghall-imghax, u certament ma jikkostitwix agir colpuz u doluz li jeradika hlas ta’ imghax.

Salvi eccezzjonijet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 60 u fol 68 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Joseph Falzon</u> (fol 12 u fol 13 tal-istess atti) ikkonferma illi l-ammont ta’ Lm5596 imsemmi fl-avviz kien thallas lill-konvenut mill-attur nomine bhala depositu ta’ “levy” fuq cikkulata, importata f’Malta fit-8 ta’ Novembru 1990 liema hlas kien sar “… against entry 10822 li din ma kienetx soggetta ghall-“levy”. Sussegwentment l-ammont kollu kien

gie moghti lura lil-istess socjeta' attrici u dan fit-13 ta' Lulju 1992. Filfatt dan il-kaz jirreferi ghal imghax allegatament dovut mill-konvenut ghall-perjodu bejn meta l-attur nomine ipprezenta ittra ufficjali ghall-hlas lura tal-istess somma fit-18 ta' Gunju 1991 (ara fol 64 ibid) u d-data tal-hlas lura tal-istess somma cjoe fit-13 ta' Lulju 1992.

Illi Paul Bonnici l-attur nomine prodott mill-istess konvenut (fol 18 u fol 19 ibid kif ukoll fol 40 u fol 41 ibid) spjega illi ... d-Dwana kienu (et) igghielek thallas parti mill-'levy' caso mai jkun hemm din it-taxxa dovuta. Sussegwentement, dan id-depozitu kien jigi moghti lura, wara li jsiru accertamenti li l-'levy' ma kienx dovut, "wara certu zmien". B'referenza ghall-istess pagament ta' depositu, sabiex il-prodotti jkunu jistghu jigu rilaxxati, l-attur nomine kien hallsu " taht protesta" u wara r-rilaxx taghhom l-istess prodotti ossija cikkulatini, kienu nbieghu fuq is-suq "… minghajr l-'levy' stante li diga' kellna, kazijiet precedenti fejn ma kienx hemm levy dovuta".

Illi Kevin Magri (fol 22 et seq ibid) in rigward dak li ntqal fl-ahhar tax-xhieda tax-xhud precedenti esebixxa doversi dokumenti ossija fatturi u dokumenti ohra sabiex juri li l-istess prodotti nbighu minghajr 'levy' inkluza fil-prezz.

Ikkunsidrat

Illi l-istess Paolo Bonnici in kontroesami (a fol 41 ibid) xehed testwalment "ir-rifuzjoni saret kontra deposit note …. Ma jkollna (ebda) dritt niehdu xejn lura jekk ma jippresentax id-deposit note".

Ikkunsidrat

Illi Alfred Pace (fol 42 et se ibid) beda billi qal illi d-depositu in kwistjoni kien sar mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Novembru 1990 "u dan in konessjoni ma' l-hlas o meno ta' levy'" sabiex "….

Sussegwentement jigi ccarat jekk hemmx "levy' dovut jew le". Jekk filfatt kien jigi deciz illi l-prodotti in esami huma esenti minn 'levy" kienet issir ir-refusjoni relattiva ta' dan id-depositu. "F'dan il-kaz, il-prodotti u in kwistjoni kienu gew rilaxxati, bhala konsegwenza tal-hlas tad-depositu in esami. Dwar l-accertamenti x-xhud spjega li "… wara certu zmien kienu gewna r-risposti relattivi" billi, qabel kien intbaghat kompjun lid-Direttur tal-Industrija". Fit-18 ta' Gunju 1991, il-konvenut kien irceva ittra ufficjali minghand is-socjeta' attrici u sussegwentementi, giet ippresentata citazzjoni mis-socjeta' fit-30 ta' Lulju 1991, dwar l-istess depositu u r-refuzjoni tieghu u dan l-att kien notifikat fl-14 ta' Novembru 1991. Sadattant, fuq parir tal-Avukat Generali moghti fit-7 ta' Ottubru 1991 (ara fol 47 ibid) il-konvenut kien talab lill-attur nomine id-"deposit slip" ossija "receipt" numru 179233 fl-original izda "Sa fejn naf jiena … is-socjeta' attrici qatt ma tfaccat b'dan id-deposit slip". B'refenza ghac-citazzjoni msemmija, il-Qorti, presumibilment il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kienet iddeciediet dik il-kawza favor il-konvenut odjern .. fuq punt legali". Sadattant, kienet saret ir-refuzjoni tal-ammont depositat fl-17 ta' Gunju 1992, avolja "… qatt ma rajna d-deposit slip". Fl-17 ta' Awissu 1993, il-konvenut kien irceva ittra ufficjali ohra u li pemrezz taghha l-attur nomine talab il-hals tal-imghax u dan ghall-perjodu bejn il-18 ta' Gunju 1991 , id-data ta' presentata tal-ewwel ittra ufficjal u l-14 ta' Lulju 1992, presumibilment meta l-istess attur nomine kien irceva r-refusjoni.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi kollha in esami, jidher li l-konvenut kien dam perjodu ta' zmien pjuttost twil sabiex jaccerta ruhu li l-prodotti in esami ma kienux soggetti ghal 'levy'. Difatti bejn il-hlas tal-imsemmi depositu u r-refusjoni tal-istess ammont depositat kien hemm trapass ta' diversi xhur li

jmorru bejn it-8 ta' Novembru 1990, id-data ta' hlas tal-istess depostu u t-13 ta' Lulju 1992, id-data tal-pagament lura tal-istess ammont cjoe kwazi ghoxrin (20) xhar. F'dan il-perjodu, l-konvenut kellu jaghmel accertamenti dwar jekk il-'levy' kienetx dovuta jew le. Mill-provi prodotti, jidher li, dan kien jikkonsisti, biss, f'verifiki mad-direttur tal-Industrija u, f'dan l-isfond jidher li l-perjodu msemmi hu pjuttost esagerat sabiex tittiehed decisjoni bhal dik involuta f'dan il-kaz.

Illi, dan premess, l-istess Qorti tara li ma ingieb xejn a konjizzjoni Taghha sabiex tista' tghid illi l-artikoli 1139, 1140 tal-Kodici Civli ma humiex applikabbli f'kaz li fih hu invout il-Gvern. Dan jfisser li l-istess Gvern ghandu jkun soggett, ukoll, ghal hlas ta' imghax skond il-ligi f'kaz li jkun hemm dewmien fil-hlas ta' somma dovuta u determinta bhal f'dan il-kaz. Jigi sottolineat, dwar dan il-punt, illi s-socjeta' attrici kienet ghamlet dan id-depositu sabiex il-prodotti in esami jkunu jistghu jigu rilaxxata. Dwar dan jista' jigi prospettat illi f'kaz li tali depositu ma kienx gie effettwat, dan kien jfisser li l-istess prodotti in esami li huma soggetti ghal tnaqqas fil-kwalita taghhom bit-trapass ta' zmien, kienu jinzammu taht il-kontroll tad-Dwana sabiex jsiru l-accertamenti necessarji dwar il-hlas o meno tal-istess 'levy'. Minhabba dan, wiehed jista' jghid illi il-hlas tad-depositu kif ammontanti ma kienx ghal kollox volontarju izda dettat minn natura tal-istess prodotti.

Illi, mill-premess, jidher li l-imghaxijiet mitluba fl-avviz in esami ghandhom, jithallsu mill-konvenut mid-data tal-ewwel ittra ufficjali sa dik tar-refusjoni attwali tal-istess depositu, liema imghaxijiet huma, kif jghidu, l-istess artkoli citati. Ekwivalenti ghal telf ta' qliegh fuq l-istess somma depositata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm480,79,6 ossija

Euro1119.94 kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura inklusi dawk tal-ittri ufficjali tat-18 ta' Gunju 1991 u tal-17 ta' Awissu 1993."

Appella minn din is-sentenza l-konvenut bl-aggravji li gejjin:-

(1) L-imghax mitlub ma kienx dovut ghax kien l-istess attur *nomine* li ghamel l-ghazla li jiddepozita s-somma kapitali biex jirtira l-merkanzija importata;

(2) Kwalunkwe dewmien kien attribwibbli lill-istess attur *nomine* li ma pprezentax id-*deposit note* meta rikjest jaghmel dan;

(3) L-Artikoli 1139 u 1140 tal-Kodici Civili ma kellhomx ikunu applikabbli ghal kaz partikolari in kwestjoni. F'dan il-kuntest jissottometti illi hu kien qed jagixxi bhala awtorita` kompetenti u mhux bhala persuna ordinarja u, allura, l-argomenti u d-disposizzjonijiet relattivi tal-ligi ma japplikawx *di fronte* ghalih;

(4) L-imghax ma giex kalkolat sew;

Is-soluzzjoni tal-kwestjoni involuta f'dan il-kaz tikkonsisti mit-twegiba ghall-kwezit jekk kellhomx, jew le, jiddekorru l-interessi fuq is-somma li l-attur *nomine* kellu jqieghed f'idejn il-konvenut biex dan jirrilaxxjalu il-merce konsistenti f'cikkulata minnu importata. Opportunement, ghandu qabel xejn jigi pprecizat illi l-htiega tad-depozitu tas-somma kapitali ghal dan l-iskop sar mill-attur *nomine* ghaliex il-konvenut Dwanjier kien qieghed jippretendi illi c-cikkulata hekk importata kienet fil-fehma tieghu tattira l-*levy*;

Ghal dawk li huma l-fatti l-aktar sostanzjali tal-vertenza jirrizulta mill-atti probatorji, senjatament ix-xhieda ta' Alfred Pace, *director administrator* fid-Dwana (fol.42), is-segwenti:-

(1) Id-depozitu tal-*levy* f’idejn il-konvenut sar fit-8 ta’ Novembru, 1990;

(2) Fit-18 ta’ Gunju, 1991 l-attur *nomine* interpella lill-konvenut b’ittra ufficcjali (ara kopja a fol. 64) biex dan jirrifondilu s-somma kapitali minnu depozitata;

(3) Kien fis-17 ta’ Gunju, 1992 illi d-Dwana ghaddiet ghar-rifuzjoni;

(4) Fis-17 ta’ Awissu, 1993 l-attur baghat lill-konvenut intima ufficcjali ghall-hlas ta’ l-imghax;

L-argoment baziku ta’ l-appellanti bl-ewwel motiv ta’ aggravju hu dan. Fil-mument ta’ l-importazzjoni tac-cikkulata l-ufficcjal tieghu gieh dubju dwar jekk il-klassifika tal-prodott kienetx dik iddikjarata bid-dokument relattiv prezentat mill-attur *nomine*. Dan ha kampjun tal-prodott u talab depozitu ta’ somma ekwivalenti ghal *levy* li setghet kienet dovuta. Ghall-appellanti, f’dak l-istadju l-attur *nomine* kellu x-xelta illi jew ihallas dik is-somma jew ihalli l-merkanzija ghand id-Dwana. Hu ghazel l-ewwel opzjoni u la dan sar minnu volontarjament, hu gie li rrinunzja ghall-imghax mar-rifuzjoni tas-somma depozitata;

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ dan l-argoment. Mhux accettabbli illi l-importatur jigi mqieghed bejn Scylla u Caribide biex wara jinghad illi l-ghazla maghmula minn dan kienet wahda volontarja. Ir-realta hi xort’ohra minn dik depinta mill-appellanti. L-ghazla ma kienet xejn libera in kwantu l-appellat kien kostrett, ghas-salvagwardja tal-merkanzija (minn natura taghha deperibbli), u allura wkoll ghall-evitar tat-telf ekonomiku taghha, illi fic-cirkustanzi jiehu pussess ta’ hwejgu u *nolens volens* ihallas is-somma pretiza in linea ta’ *levy*. Id-decizjoni mehuda mid-Dwanjier kienet esklussivament fir-rieda tieghu u mhux ukoll dipendenti mill-volonta ta’ l-importatur. Decizjoni din, li fl-ahhar mill-ahhar, irrizultat li lanqas kienet gusta u korretta. Mhux accettabbli, allura, illi l-appellanti jippretendi li jillibera ruhu mir-responsabilita` ghal dik ir-raguni minnu sottomessa tal-ghazla volontarja fl-attur *nomine*. Ugwalment, mhix ammissibbli f’dan l-istess kuntest il-

proposizzjoni illi b'dik l-ghazla l-attur *nomine* gie li rrinunzja ghad-dritt tieghu ghall-interessi, Din ir-rinunzja mhux biss ma tirrizultax espressament izda wkoll lanqas tacitament. Hekk meta l-attur *nomine* hallas l-ammont tal-*levy* domandat lilu mill-appellanti dan ghamlu "taht protesta" (ara deposizzjoni ta' l-attur a fol. 18) u tali ma setax hlief ikollu s-sinjifikat illi l-attur *nomine* qatt ma kellu l-intenzjoni li jabdika ghad-dritt tieghu 'l quddiem ghall-interessi. B'dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel aggravju qieghed konsegwentement jigi skartat.

Fl-istess direzzjoni ghandu jsegwi t-tieni aggravju. Hi pjuttost sfaccata s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi d-dewmien kien attribwibbli lill-attur *nomine* ghax dan naqas milli jipproduci d-*deposit note*. Ir-rizultanzi fattwali jistabilixxu illi l-appellanti impjega ghal ta' l-anqas 20 xahar ghall-verifika tal-kampjun minnu prelevat ghall-iskop tal-klassifikazzjoni tieghu u dak ta' l-accertament o meno tal-*levy* fuq il-prodott importat. Dan it-tul ta' zmien la huwa ragjonevoli u wisq anqas ammissibbli bhala skuzanti liberatorja mir-responsabilita`. Ma jista' jkun hemm ebda gustifikazzjoni illi s-semplici verifika ta' ftit granet tigi elastikament prolungata b'xhur biex minn fuq il-htija tad-dewmien tigi mill-appellanti spustata ghal fuq l-attur *nomine*;

Fuq it-tielet motiv ta' aggravju ghandu jinghad fl-ewwel lok dan li jsegwi:-

(1) Il-principju kardini stabbilit mill-Artikoli 1139 u 1140 tal-Kodici Civili, kombinati flimkien, hu dak li l-obbligazzjoni dwar somma pekunjarja ghandha funzjoni rizarcitorja fis-sens li l-interessi prevvisti mil-ligi jirrapprezentaw ir-restawr f'mizura predeterminata tal-mankanza tad-disponibilita` tas-somma dovuta. L-istess provvedimenti huma ghaldaqstant immirati biex jirrizarcixxu lill-kreditur ghal pregudizzju risentit mill-vantagg mitluf ghaz-zmien li fih ma kellux id-disponibilita` tas-somma kapitali f'idejh;

(2) Dawn l-interessi, li l-istess ligi tqishom moratorji, jirrapprezentaw il-konsegwenza awtomatika tad-dewmien subit mill-kreditur fil-godiment tas-somma dovuta. Jesprimu wkoll il-likwidazzjoni tal-vantagg mankat;

(3) L-ezistenza, o meno, tad-danni ma tirrientrax bl-ebda mod f'din l-ekwazzjoni u, anzi, ma ghandha xejn x'taqsam mad-dekorrenza ta' dawk l-interessi moratorji. Dan hu bil-wisq evidenti mid-dispost ta' l-Artikolu 1140 u fejn jinghad illi l-kreditur mhux mehtieg li jipprova li bata xi telf;

(4) Il-kostituzzjoni in mora, imbaghad, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1141 (2) ta' l-istess Kodici Civili ghandha l-iskop li taccerta r-responsabilita` tad-debitur ghan-nuqqas ta' l-adempiment tieghu;

Hu dan il-principju prijoritarju appena espost li ghandu jigi ricerkat u applikat f'dan il-kaz. Dan ghaliex il-gustifikazzjoni tad-dekorrenza ta' l-interessi tiddependi esklusivament mil-ligi u hi ghal kollox indipendenti mill-ezercizzju tad-diskrezzjoni li maghha jappilja ruhu l-appellanti. Meta l-attur *nomine* irrivendika lura bl-ittra ufficcjali tieghu tat-18 ta' Gunju, 1991 is-somma minnu mhallsa bhala *levy* mhux dovut, dik is-somma kienet hekk esigibbli appena sar dan ir-reklam. L-inadempjenza fl-appellanti twieldet minn dan il-fatt u mhux minn dik originarja abbinata ma' l-awtorita` diskrezzjonali tieghu meta ried jzomm il-merkanzija ghal verifika tal-klassifikazzjoni taghha jew jirrilaxxjaha kontra depozitu. Proprju, il-gustifikazzjoni rikjamata hawn fuq ghandha rabta unikament ma' l-izvantagg subit mill-attur *nomine* in kwantu, li kieku l-appellanti adempixxa ruhu ma' dik ta' l-osservanza korretta ta' l-interpellazzjoni li saritlu, l-attur *nomine* seta' jitqieghed fi grad li jiddisponi mill-kapital kif xtaq hu u ghal vantagg ekonomiku tieghu. Hi ghal kollox inawdita f'dan il-kuntest is-sottomissjoni suggeribbli mill-appellanti illi hu kien 'il fuq minn persuni ordinarji. Il-ligi dan mhux biss ma tghidux izda, fuq kollox, fil-legislazzjonijiet moderni hu sew konoxxut u accettat illi,

salv dejjem fejn ikun xort'ohra provvdut, ir-responsabilita amministrattiva hi regolata, u tiskaturixxi wkoll, mill-provvedimenti tad-dritt privat kif applikabbli ghac-cittadini ordinarji.  Jikkonsegwi illi anke dan l-aggravju qed jitqies infondat;

Riferibilment ghall-ahhar aggravju jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Falzon (fol. 12) impjegat fl-*accounts department* tad-ditta attrici illi r-rifuzjoni effettiva tas-somma dovuta saret fit-13 ta' Lulju, 1992.  Jista' jkun illi kif jinghad mix-xhud Alfred Pace ic-cekk relattiv hu datat 17 ta' Gunju, 1992.  Jibqa' l-fatt illi ghal fini tal-komputazzjoni ta' l-interessi dak li jghodd mhux id-data li tkun tidher fuq ic-cekk izda d-data ta' meta dak ic-cekk ikun effettivament ricevut.  Ukoll dan l-aggravju qed jitqies insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------